MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Mandat Numru. 432/2012/1

**Events Services (P1019) u Alan Cutajar (ID 428975M)**

***kontra***

**1. Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**2. Sandro Micallef (ID 298320M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fid-29 ta` Marzu 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati milli –

*Juzaw l-isem "Kontrattakk" ghal programm li jixxandar kull ta` Hadd jew kull data ohra li l-intimati jistghu jiddeciedu li jixxandar tali programm b`tali isem, kif ukoll ghal pagna fil-Facebook, u kull mezz iehor tal-media, u dan peress li l-isem "Kontrattakk" huwa propjeta` inter alia intellettwali tas-socjeta` Events Services u tar-rikorrenti.*

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Marzu 2012 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-12 ta` April 2012 fis-1.30 p.m. u fejn tat lill-intimati ghaxart ijiem zmien sabiex jipprezentaw risposta..

Rat illi wara li kienu debitament notifikati bir-rikors u bid-digriet fit-30 ta` Marzu 2012, l-intimat ipprezentaw zewg risposti fid-9 ta` April 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` April 2012.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Paul Josef Vassallo fl-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghall-provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Kull nhar ta` Hadd filghaxija jixxandar programm sportiv bl-isem "*Kontrattakk*" fuq l-istazzjon TVM gestit mill-intimata Public Broadcasting Services Limited u li huwa prezentat mill-intimat l-iehor Sandro Micallef.

Il-pern tal-istanza tar-rikorrenti hija li, skond huma, l-isem *"Kontrattakk*" huwa propjeta` intellettwali taghhom. Ighidu illi sar uzu mill-intimati ta` dak l-isem ghall-imsemmi programm minghajr ma kienu awtorizzati mir-rikorrenti. B`hekk dak l-uzu kien abbusiv u llegali.  Ghalhekk talbu l-hrug ta` l-Mandat.

Bhala l-ewwel rekwizit sabiex tintlaqa` t-talba taghhom, ir-rikorrenti huma obbligati illi jaghmlu l-prova li jidher *prima facie* li ghandhom jedd  li jehtieg tutela [ara l-Art.873(2) tal-Kap.12].

Waqt l-udjenza tas-smigh tar-rikors, in aggunta ma` dak li kien dikjarat bil-gurament mir-rikorrent Alan Cutajar fid-data tal-presentata tar-rikors,  ir-rikorrenti pprezentaw serje ta` dokumenti li, skond huma, jikkostitwixxu prova, almenu mad-"daqqa t`ghajn", illi *l-isem, il-kuncett u l-format ta` programm televisiv bl-isem "Kontrattakk" gie krejat mis-socjeta` rikorrenti.*

Din il-Qorti ezaminat b`reqqa dawn id-dokumenti. Minnhom siltet dawk li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-fini ta` din il-procedura –

<u>DOK FS1</u> hija ittra tal-21 ta` Ottubru 2008 mibghuta lis-socjeta` rikorrenti u lil terzi mill-Malta Football Association fejn qieghed ikun allegat li l-*programm sportiv*

*televiziv “Kontrattak”* huwa *prodott u mxandar* mir-rikorrenti Events Services u minn terzi. Twegiba ghal dik l-ittra ma gietx esebita. Din il-Qorti ma tafx jekk Events Services kenitx tassew il-*producer* ta` dak il-programm. Fuq l-iskorta ta` dan id-dokument wahdu, il-fatt li Events Services *setghet* kienet il-*producer* tal-programm fuq Channel 22 ma kienx jaghmel lill-istess Events Services sid ta` l-isem *“Kontrattakk”.*

DOK FS2 huwa kuntratt tal-24 ta` Novembru 2008 bejn Favourite TV Channel fuq naha wahda, u fuq in-naha l-ohra r-rikorrent Alan Cutajar u l-intimat Sandro Micallef li dehru f`isimhom propju u ghal Events Services sabiex ikunu l-*producers* tal-programm *“Kontrattakk”* fuq l-istazzjon Favourite Channel. Fi klawsola 8 tal-kuntratt jinghad illi *copyright of each programme shall vest with Events Services* (ara fol 28). Ghal din il-Qorti, din il-klawsola hija prova *prima facie* illi *vis-a-vis* Favorite Channel kien rikonoxxjut illi Events Services kellha l-*copyright* ta` kull programm “*Kontrattakk*”.

DOK FS4 huwa skambju ta` emails. Fl-email a fol 32 ir-rikorrent jikteb lill-intimat u jghidlu hekk fil-21 ta` Ottubru 2011 – *Ser jigri min l-isem u l-logo ta` Kontrattakk ? Ghax sa fejn naf jien dak u ta` Events Services u li ghandna 50% jien u 50% int.* Fl-email a fol 34 l-intimat jikteb lil Anton Attard ta` PBS u jghidlu *I would like to set up a meeting for you with Mr. Alan Cutajar (ex co-producer of Kontrattakk of last year).*

Matul it-trattazzjoni tar-rikors, il-posizzjoni tal-intimata Public Broadcasting Services Limited kienet u baqghet illi fir-rigward tal-programm *“Kontrattakk”* hija qatt ma kellha relazzjoni guridika ma` Events Services jew ma` Alan Cutajar izda l-ftehim illi kellha kien ma` Sandro Micallef sabiex jipproduci u jipprezenta l-programm *“Kontrattakk”* ghall-iskeda ta` programmi 2011-2012.

Iddahhlu fil-kwistjoni zewg kumpanniji ohra u cioe` Where`s Everybody Limited u WE Advertise Limited izda din il-Qorti tghid illi fil-kuntest tal-procedura tal-lum, l-involviment dirett jew indirett ta` dawn iz-zewg kumpanniji fl-organizzazzjoni shiha fis-sens l-aktar wiesgha tal-kelma mhuwiex rilevanti ghall-materja specifika li dwarha din il-Qorti trid tippronunzja ruhha bid-digriet taghha tal-lum.

Il-posizzjoni li ha Sandro Micallef hija distinta minn dik tal-intimata Public Broadcasting Services Limited. Huwa jsostni *"Kontrattakk"* huwa holqien tieghu u jallega illi huwa s-sid assolut tad-drittijiet kollha tal-awtur kif ukoll tal-propjeta` intellettwali kollha tal-programm li jgib dak l-isem. Mnejn dan kollu johrog, ma jirrizulta mkien.

L-istess Sandro Micallef jallega illi l-isem *"Kontrattakk"* huwa l-mertu ta` applikazzjoni quddiem l-*Industrial Property Registrations Directorate*. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, ma tressaq l-ebda rapprezentant ta` dan id-Direttorat sabiex jixhed dwar din l-applikazzjoni.

Ghalhekk, dwar il-pretensjonijiet ta` Sandro Micallef kif migbura fiz-zewg paragrafi ta` qabel dan, din il-Qorti sejra tqis dak li nghad mill-istess Sandro Micallef bhala stqarrija guramentata, pero` mhux korraborata.

Issa din il-Qorti trid tghid illi procedura bhal dik tal-lum hija ntiza illi tkun sommarja. Fil-kaz de quo, kien ben evidenti t-tentattiv tal-partijiet li jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni aktar wiesgha illi hemm bejniethom. Pero` ghall-fini ta` dan il-procediment, mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti kulma ghandu jew jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd pretiz jew kontestat.

Mela <u>unikament</u> ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet

tal-partijiet fil-mertu. U hekk ghandu jkun ghaliex hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t'ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni dak li jispetta lil haddiehor illi jaghmel fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi hi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt sabiex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

Din il-Qorti trid tghid ukoll in linea ta` principju illi sew jekk tintlaqa' talba ghall-hrug tal-Mandat sew jekk talba tkun michuda, dak ma jfissirx li l-jedd huwa pruvat inkella l-jedd pretiz ma jezistix. Dik hija materja li taqa` fl-sfera ta` kompetenza ta` dik il-qorti li tkun trid tqis u tiddeciedi l-mertu.

Ghar-rigward tal-kaz tal-lum, din il-Qorti, wara li rat l-Art.873(2) tal-Kap.12, u wara li qieset l-assjem tal-provi *"prima facie*", tghid illi hija sodisfatta illi r-rikorrenti *jidher* illi *oggettivament* ghandhom jeddijiet li jehtiegu harsien. Dana tghidu anke wara illi qieset illi mhux kontradett minn Sandro Micallef dak pretiz minn Alan Cutajar illi Event Services hija socjeta` li tappartjeni nofs bin-nofs lilhom it-tnejn. Mhux kontradett minn Sandro Micallef illi Event Services kellha l-*copyright* tal-programm "*Kontrattakk*" meta kien jixxandar fuq Favourite Channel. Ma hemmx prova ohra bil-miktub dwar il-kwistjoni tal-*copyright* meta l-programm beda jixxandar fuq TVM. Lanqas ma huwa kontradett illi Alan Cutajar kien, flimkien mal-istess Sandro Micallef, *co-producer* ta` *"Kontrattakk"* fl-2011.

Ghalhekk jirrizulta l-ewwel rekwizit ghall-hrug tal-Mandat.

Ladarba l-ewwel rekwizit jirrizulta, din il-Qorti sejra tqis jekk it-tieni rekwizit jirrizultax ukoll u dan peress

sabiex jinhareg il-Mandat iz-zewg rekwiziti jridu jirrizultaw flimkien u b`mod kumulattiv

It-tieni rekwizit huwa l-pregudizzju. Mhuwiex pero` pregudizzju kwalunkwe. Anzi jrid ikun pregudizzju rrimedjabbli. Dan ghaliex il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta' provvediment legali. Fejn persuna ghandha rimedji ohra li bihom tista` thares il-jeddijiet taghha, hija ghandha tirrikorri ghal dawk qabel tittenta din il-procedura. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Kif diga` nghad, dan ma jfissirx illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' l-Mandat ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. Ghall-fini tat-tieni rekwizit, l-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Wara li qieset dak li nghad waqt it-trattazzjoni tar-rikors, din il-Qorti tiddikjara illi t-tieni rekwizit mhuwiex sodisfatt. Huwa ben evidenti li r-rikorrenti qeghdin jallegaw illi bix-xandir ta` *"Kontrattakk"* fic-cirkostanzi fuq spjegati, huma garrbu telf finanzjarju u ghalhekk qeghdin jippretendu risarciment. Pero` mhuwiex l-iskop ta` dan il-Mandat illi jikkawtela dak l-allegat telf, ghaliex bil-fatt illi *"Kontrattakk"* jibqa` jixxandar skond il-patt illi hemm fis-sehh bejn l-intimati assolutament mhuwiex se jintilef darba ghal dejjem il-jedd li r-rikorrenti *jidher* li ghandhom *prima facie.* Bizzejjed wiehed jinghad illi fil-kors ta` dan il-procediment irrizulta illi mill-iskeda bhalissa fis-sehh il-programm ixxandar hamsa u ghoxrin (25) darba u fadal li jixxandru biss ghaxar (10) edizzjonijiet minnu. Eppure d-dritt li r-rikorrenti *jidher* illi baqa` mpregudikat.

Ladarba z-zewg rekwiziti ma jissussistux flimkien, din il-Qorti hija prekluza *ope legis* milli tordna l-hrug tal-Mandat.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda -**

**1) Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati.**

**2) Tordna li l-ispejjez ta' dan il-procediment jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------